**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 764/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**
**vs**
**Keith Azzopardi**
**Ryan Azzopardi**
**Marlon Baldacchino**
**Burton Azzopardi**
**Zven Azzopardi**

**Illum l-1 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Keith Azzopardi ta' 27 sena iben Emanuel u Sonia nee' Vella li twieled Il-Pieta' nhar il-31 ta' Dicembru 1992 u li joqghod 3, Triq San Mikiel, Sqaq Nru. 1, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identità 46793M;

Ryan Azzopardi ta' 20 sena iben Emanuel u Sonia nee' Vella li twieled Il-Pieta' nhar il-31 ta' Marzu 1999 u li joqghod 3, Triq San Mikiel, Sqaq Nru. 1, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identità 116599M;

Marlon Baldacchino ta' 19 -il sena iben Mark u Antonia nee' Bugeja li twieled Il-Pieta' nhar id-9 ta' Ottubru 2000 u li joqghod 16, Triq San Guzepp, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identità 382700L;

Burton Azzopardi ta' 18 sena iben Emanuel u Sonia nee' Vella li twieled Il-Pieta' nhar l-10 ta' Dicembru 2001 u li joqghod Hubbard Blk 7, Flat 6, Triq Alessandra, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identità 483001L;

Zven Azzopardi ta' 16 sena iben Emanuel u Sonia nee' Vella li twieled Il-Pieta' nhar it-8 ta' Lulju 2003 u li joqghod Hubbard Blk 7, Flat 6, Triq Alessandra, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identità 242503L;

Akkuzati talli nhar it-30 ta' Diċembru, 2019 fil-hinijiet ta' bejn is-19:30hrs u t-20:00hrs gewwa Marsaskala

1. Bil-hsieb li jweggaw lil Michelle Muscat ID 8878M, Christian Muscat ID 269998M u lit-tarbija tieghu Iram Muscat (twieled 14/03/2019 - ID 192019L), wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta garaw hadid u flixken tal-hgieg fid-direzzjoni taghhom u ta' darhom b'tentattiv li jigu kagunati feriti gravi fuq persunthom, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u 'ndipendenti mill-volonta` taghhom;

2. Hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' 2,500 Euro ghad-dannu ta' Christian Muscat ID 269998M;

3. Volontarjament ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa ta' importanza zghira fuq il-persuna ta' Michelle Muscat ID 8878M;

4. Volontarjament wettqu reat meta ingabru f'gemgha bil-hsieb li jaghmlu reat fejn aktar minn tnejn minnhom kellhom fuqhom armi irregulari;

5. Ghamlu lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta, jew jekk kienu ipprovokati, ingurjaw b'mod li hargu barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

6. Kissru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali;

7. Hebbew kontra persuna/i sabiex jingurjawhom, idejjquhom jew ghamlu hsara lil dawn il-persuna/i jew lil haddiehor, kemm-il darba 'l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali.

Talli nhar is-27 ta' Dicembru 2019 fil-hinijiet ta' bejn 14:15hrs u 14:45hrs gewwa Bormla:

8. Volontarjament wettqu reat meta ingabru f'gemgha bil-hsieb li jaghmlu reat fejn aktar minn tnejn minnhom kellhom fuqhom armi regulari korr. awt b' digriet tal-Qorti tal-31 ta' Dicembru 2019;

9. Ghamlu lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta, jew jekk kienu ipprovokati, ingurjaw b'mod li hargu barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

10. Kissru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali;

11. Hebbew kontra persuna/i sabiex jingurjawhom, idejjquhom jew ghamlu hsara lil dawn il-persuna/i jew lil haddiehor, kemm-il darba 'l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali.

U aktar talli nhar it-30 ta' Dicembru 2019 u fis-sieghat u fil-granet ta' qabel

12. Gabu ruhhom b'tali mod li taw fastidju lil Michelle Muscat ID 8878M u Christian Muscat ID 269998M;

13. Ikkagunaw lil Michelle Muscat ID 8878M u lil binha Christian Muscat ID 269998M biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;

14. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddew li jaghmlu xi reat, jew bil-hsieb li ggieghlu lil Michelle Muscat ID 8878M u Christian Muscat ID 269998M jaghmlu jew jonqsu milli jaghmlu xi haga jew ghamlu uzu iehor mhux xieraq bih.

Lil Burton Azzopardi u Marlon Baldacchino wahedhom talli

15. Kissru il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fejn fil-kaz ta' Burton Azzopardi dawn il-kundizzjonijiet inghataw fis-seduta preseduta mill-Mgt. Dr. Josette Demicoli LL. D nhar l-30 ta' Awwissu 2018 meta inghata l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija personali li jammontaw ghal 7,000 Ewro u li fil-kaz ta' Marlon Baldacchino tali kundizzjonijiet inghataw f'seduti varji fl-4 ta' Novembru 2018 fis-seduta preseduta mill-Mgt. Dr. Gabriella Vella LL. D meta inghata l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija personali li jammontaw ghal 2,100 Euros, fid-29 ta' Novembru 2018 fis-seduta preseduta mill-Mgt. Dr. Josette Demicoli LL. D meta inghata l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija personali li jammontaw ghal 1,750 Euros u fit-18 ta' Dicembru 2018 fis-seduta preseduta mill-Mgt. Dr. Donatella Frendo Dimech LL. D meta inghata l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija personali li jammontaw ghal 6,000 Euros;

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Burton Azzopardi u Marlon Baldacchino u tordna l- arrest mill-gdid ta' l-imsemmija imputati kif ukoll tordna li l-ammonti imsemmi f'akkuzi numru (15) ta' 7,000 / 2,100 / 1,750 / 6,000 Euros jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra Keith Azzopardi et al a beneficju ta Michelle Muscat ID 8878M u Christian Muscat ID 269998M u familjari taghhom u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Michelle Muscat ID 8878M u Christian Muscat ID 269998M u familjari taghhom jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Keith Azzopardi et al, b'obbligazzjoni taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xeraq.

F'kaz ta htija l-Qorti hija mitluba titrata lil Keith Azzopardi, Ryan Azzopardi u Marlon Baldacchino bhala persuni recedivi meta gew is-sentenzjati mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definitivi u ma jistax jigu mibdulha u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija finalment ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmijja imputati Keith Azzopardi et

al sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 31 ta' Dicembru, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', certifikati tat-twelid tal-imputati immarkati; **EH1, EH2, EH3, EH4, EH5**, Fedina Penali tal-imputati immarkati bhala; **EH6**, **EH7, EH8, EH9, EH10**, current incident report tat-30 ta' Dicembru 2019 immarkat **EH11**, current incident report tat- 28 ta' Dicembru 2019 immarkat **EH12**, current incident report tas- 27 ta' Dicembru immarkat **EH13**, dikjarazzjoni ta' rinunzja ghall assistenza legali ta' Marlon Baldacchino tal-31 ta' Dicembru 2019 immarkat **EH14**, dikjarazzjoni ta' rinunzja ghall assistenza legali ta' Sven Azzopardi tal-31 ta' Dicembru 2019 immarkat **EH15**, dikjarazzjoni ta' rinunzja ghall assistenza legali ta' Marlon Baldacchino tat-28 ta' Dicembru 2019 immarkat **EH16**, dikjarazzjoni ta' rinunzja ghall assistenza legali ta' Burton Azzopardi tal-31 ta' Dicembru 2019 immarkat **EH17**, Envelopp immarkat **EH18**, kontenti 5 cd's bl-istqarrijiet tal-imputati immarkati minn **EH19 sa EH 23**, certifikat mediku ta' Michelle Muscat (K.I. nru. 8878M), **DOK TM1**, Cd Footage immarkat **Dok BA1**, sett ritratti mmarkati **DOK MM1**, kannen immarkati **DOK MM2**, **Dok BC1, DOK BC2, Dok POL1, Dok POL2**,

Semghet ix-xhieda ta' Michelle Muscat, Christian Muscat, Alexander Orsini, Stephen Cachia, PS31 Mario Farrugia, Christianne Borg, Dr. Jonathan Debattista u l-Ispettur Eman Hayman.

Saret trattazzjoni finali u l-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Michelle Muscat** xehdet li f'Dicembru 2019, rceviet messagg minghand Zven Azzopardi meta beda jheddidha li lit-tifel taghha Christian Muscat kienu se jaqtghulu saqajh it-tnejn ghax marru jisirqu bumper u zewg fanali ghax jekk il-pulizija ha jmorru ghall-finger prints mhux se jsibu fingerprints ta' Christian Muscat. Beda wkoll joffendiha bil-mejtin. Ftit wara meta hija kienet Triq San Pawl, Bormla gew Zven, Burton, Keith u Marlon gew b'lasta qisha lembuba li kienet f'idejn Burton, hargu minn gol karozza biha u kien qieghed isuq Burton ukoll, karozza bajda. Hija bdiet tghid lil Burton jekk kienx se jaghtiha daqqa ta' lembuba. Kompliet tghid li Keith Azzopardi prova jzomm kemm lil Burton. Gara lil l-imputat l-iehor Marlon tela fil-karozza u saq ghal quddiem il-faccata tad-dar taghha u beda jaghfas il-gas. Sbieh il-Hadd tghid

li kienu harqu zewg karozzi tat-tifel. L-ghada ghall-habta tas-7.30pm hi harget tpejjep sigarett fi Triq in-Nadur, Marscala u rat lill-hames imputati gew bil-karozza u xi hadd minnhom kellu kanna f'idejh izda ma tafx min kien, u Marlon kellu kaxxa vjola f'idejh. Christian Muscat iddefenda ruhhu bil-"Pyrene". Hi tghid li rat il-kanen dehlin gewwa d-dar, rat lil Keith jifqa' l-bieb tad-dar taghha, rat lil Ryan u Burton ikissru l-karozza ta' Christian Muscat u Marlon igara l-fliexken ta' l-inbid ghal god-dar. Burton apparti li jkisser il-karozza beda jgara l-kanen ghal god-dar taghhom. Iktar tard hija regghet xehdet fil-proceduri fejn ezebiet numru ta' ritratti li allegatament juru l-hsara li sofriet fil-propjeta' taghha.

**Christian Muscat** ghazel li ma jixhidx stante li x-xhieda tieghu setghet tinkriminah fi proceduri kontra tieghu.

**Alexander Orsini** ghid li kien qieghed id-dar Marsascala, Triq in-Nadur ghall-affari tieghu u mieghu kellu tarbija ta' disa' xhur ta' Christian Muscat u ghall-ahhar ta' Dicembru 2019 f'gurnata minnhom bejn is-7pm u 7.30pm beda jara fliexken u kanen dehlin gewwa ghax xi hadd beda jitfaghhom il-gewwa, hu ma rax min kien qieghed igara dawn l-oggetti ghal gewwa d-dar taghhom u lanqas ma seta' jara barra.

**Stephen Cachia** in rapprezentanza tat-transport Malta xehed li fost l-imputati kollha huwa biss Keith Azzopardi li ghandu licenzja tas-sewqan kategorija B u B1.

**PS 31 Mario Farrugia** jikkonferma bil-gurament ir-rapporti ezebiti relatati ma' l-imputazzjonijiet odjerni.

**Christianne Borg** bhala rapprezentant tar-Registratur Qrati Kriminali u Tribunali, ikkonfermat li ma kienx hemm appelli fil-konfront ta' Ryan azzopardi waqt li l-Multi gew mhallsa fejn esebiet dok CB1. Fil-konfront ta' Marlon Baldacchino ikkonfermat li ma kienx hemm multi mhux imhallsa ghajr ghal spejjez tal-perizja li kienet minn sentenza tal-Magistrat Josette Demicoli. Hija esebiet dok CB2.

**Dr Jonathan Debattista** fejn qal li huwa kien iccertifka lil Michelle Muscat meta kienet giet gewwa l-Health centre ta' Rahal Gdid. Huwa kien osserva li kellha tbengila madwar seba' centimetri filwaqt li fil-koxxa l-ohra kellha tbengila ohra ta' erba' centimetri. Huwa kien iccertifika dawn il-griehi bhala hfief.

**L-ispettur Eman Hayman** esebixxa sentenzi fil-konfront ta' Marlon u Ryan Azzopardi u gew immarkati bhala dok POL1 u POL2.

**Ikkunsidrat**

**Fatti tal-Kaz**

Illi Michelle Muscat kienet ghamlet diversi rapporti kontra diversi persuni minhabba li hija kienet irceviet messaggi u anki kellha xi theddid u tkissir tal-propjeta' taghha minhabba tfiegh ta' flixken u hadid. Hija kompliet tghid li kienet anki rceviet messag minn ghand Zven Azzopardi sabiex icempilla. Skont ma' qalet Zven Azzopardi kien qallha li kienu sejrin jaqtghu saqajn it-tifel taghha minhabba li kienu serqu bumper u fanali u ma kienx se jidhru l-fingerprints tieghu. Fost dak li ntqal lilha kien hemm kliemm oxxen fil-konfront tal-familja taghha. Gara li ftit wara kienu gew l-imputati Zven, Keith, Burton u Marlon u giet mhedda b'lasta qiesa lembuba u dan waqt li hija kienet gewwa Bormla. Huma kienu gew b'karozza li Burton kien qieghed isuq li riedu bilfors isawtu lit-tifel taghha. Kien dan il-hin li l-imputat l-iehor prova jzomm lill-ohrajn izda Marlon saq ghal faccata tad-dar ta' fejn kienet u beda jaghfas il-gas tal-karozza ghal gol-faccata tad-dar. Gara li xi hadd kien anki haraq zewg vetturi ta' Christian Muscat izda hadd ma kien gie identifikat min kien. Fil-gurnata tat-Tnejn waqt li kienet fir-residenza taghha gewwa Marsaskala gew l-imputati bil-karozza fejn wiehed minnhom kellu kanna f'idejh fejn Marlon kellu kaxxa vjola u beda jwaddab flixken fid-direzzjoni tad-dar ta' Michelle Muscat. F'xi hin bdew jidhlu gewwa kanen u wara li marret taghlaq il-bieb Keith Azzopardi faqala l-bieb waqt li Burton u Ryan rathom ikissru l-karozza tat-tifel taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi għalhekk il-Qorti sabiex tasal għal konklużjoni jekk fiċ-ċirkostanzi kollha tistax tasal għal konklużjoni li kienu l-imputati jew le taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, jkun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of***

***Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course, it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni l-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi f'dan il-kaz l-unika persuna li seta' jaghti xi hjiel ta' x'gara dakinhar kienet Michelle Muscat fuq d-diversi akkuzi li hemm kontra l-imputati. Illi madankollu l-Qorti trid tara wkoll l-istess stqarrijiet li taw l-imputati fuq il-kaz in kwistjoni. Illi ghalhekk meta il-Qorti analizzat l-istess stqarrijiet tal-imputati hargu dawn il-fatti fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati in sostenn ghall-akkuzi li hemm kontra taghhom.

*L-istqarrijiet tal-imputati*

Illi fl-istqarrija ta' **Ryan Azzopardi** meta gie interogat fil-31 ta' Dicembru 2019, saret referenza ghal incident li kien sehh fil-gurnata ta' qabel. Huwa semma li dakinhar waqt li kien qieghed ma' huh u t-tifel tieghu ta' sentejn fil-vettura, sema tkissir ta' hgiega tal-karozza u ra li kien Christian Muscat li kisser il-hgiega. Mar ghand hutu minhabba li ma marx jaghmel rapport mal-Pulizija u nizlu flimkien ghal gewwa Marsaskala hdejn ir-residenza fejn joqghod dan Christian Muscat. Illi huwa ammetta li kien kisser il-vettura ta' Christian Muscat bhala tpattija ghal dak li kien ghamel. Huwa semma fatt li dan Christian Muscat kien gie ghalihom b'fire extinguisher fl-argument li kien inqala wara il-bieb tieghu. Huwa ma kienx semma li kien tefa' xi oggetti fid-direzzjoni tad-dar ta' fejn joqghod Christian Muscat. Kompla jghid li hadd minnhom ma kien kisser il-hgieg tad-dar tieghu izda kien Christian Muscat li

ghamel dan. Rigward il-fanali li gie msemmi minhabba messagg huwa ghazel li ma jirrispondiex.

Waqt li fl-istqarrija ta' **Marlon Baldacchino** qal li ma kellux triq ohra li jaghmel hekk wara li kien Christian Muscat kien spara fuq il-vettura tieghu u kisser il-windscreen tieghu. Huwa sempliciment tefa flixken fid-direzzjoni tad- dar tieghu. Meta kienu fil-vettura kien Keith li kien qieghed isuq il-vettura dak il-hin. Minflok marru jaghmlu rapport marru gewwa Wied il-Ghajn u kisrulu l-karozza. Meta kien hemm incident iehor ta' Bormla huwa lanqas kien tkellem. Huwa semma l-kwistjoni tal-fanali li kienet hi li bdiet bhala incidenti ta' bejniethom. Kien Christian Muscat li kien qallu li se jaqtalu saqajh u lill-ommu. Kienet omm Christian li bdiet tibghat il-messaggi lil kulhadd. Ghalih l-incident fejn tkissret il-hgiega kienet sparatura ghax kien hemm riha ta' hruq.

Waqt li fl-istqarrija ta' **Burton Azzopardi** qal li kien hemm kaxxa bil-flixken li kellu Christian Muscat u beda jitfa fid-direzzjoni taghhom meta nizlu hdejn id-dar tieghu. Dan Christian Muscat uza wkoll il-fire extinguisher fuqhom u kien ghalhekk li wara li beda jitfa l-flixken infexxew ikissru l-karozza tieghu minhabba li kien kisser il-karozza taghhom. Kienet omm Christian Muscat li tefghet xi oggetti minn gewwa ghal barra biex twahhala fuqhom. Huwa semma li marru flimkien ma hutu kemm Keith li ma ghamel xejn kif ukoll l-istess Marlon. Kienet omm Christian li bdiet tibghat messeggi u bdiet iccempel fuq il-mobile tieghu.

Min-naha l-ohra **Keith Azzopardi** qal li hu kien qieghed isuq il-vettura tieghu fejn mieghu kien hemm huh Ryan, kif ukoll tfajla u tifel ta' huh. Kien dak il-hin li sema hoss fil-hgiega ta' wara u tkisret. Il-karozza kienet ta' Burton u qalulu li kien Christian Muscat li kien kisser il-hgiega. Kienu marru l-ghassa ta' Bormla u kien hu li qallhom biex imorru jaghmlu rapport. Ftit wara marru l-ghassa ta' Haz Zabbar u mieghu kien hemm Zven, Marlon u Ryan izda ma ghamlux rapporti. Kien Burton li qallu biex jinzlu Wied il-Ghajn ghax huwa ma riedtx jinzel izda kif waslu hargu bil-girja. Min-naha tieghu huwa ma uzax vjolenza ghax huwa ma ried jaghmel xejn ghax ghalkemm prova jzomm lil hutu biex ma jmorrux lejn Wied il-Ghajn. Huwa ra lil Christian Muscat bil-fire extinguisher izda x'kellhom hutu ma jafx. Huwa kkonferma li hutu gabu kaxxa bil-flixen minn wara u bdew jitfghu l-flixken lejn il-hajt. Dak il-hin hutu wara huma nfexxew fuq il-karozza ta' Christian Muscat. Huwa innega li faqa' l-bieb ta' xi hadd dak il-hin.

Waqt li **Sven Azzopardi** fl-istqarrija tieghu qal li huwa kien jaf min kien Christian Muscat u kellu xi argumenti mieghu. Dan Christian Muscat kien mar jisraq xi affarijiet minn xi karozza waqt li l-Pulizija kienu hadu l-vettura tieghu li kienet ipparkjata minn sidha gewwa Bormla li ghadha registrata fuqhu. Huwa ghazel li ma jwegibx ghad-domandi dwar l-incident li sehh gewwa Wied il-Ghajn. Skont hu Christian Muscat kien spara fuq il-vettura ta' huh Burton izda ma kienx jaf min kien qieghed isuq. Din il-vettura kienet ipparkjata u dawn l-affarijiet qaluhomlu hutu. Illi gara wara xi hadd semma li mar u gara affarijiet bhala tpattija ghax seta' wegghat ohtu u kisser il-karozza. Mar biex ikisser id-dar u anki jaqsamlu rasu lil Christian Muscat.

Illi minn dawn l-istqarrijiet li taw lil Pulizija jidher bic-car li hemm vero similjanza ghal dak li qalet l-istess Michelle Muscat dwar kif sehhew il-fatti dakinhar tal-kaz. Illi skont ma hemm fl-artikolu 661[1] tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kwalunkwe haga li l-imputati qalu fuq l-ohrajn ma sserviex bhala prova kontra taghhom izda ghandu jitqies dak li qalu fil-konfront taghhom biss. Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tevalwa il-provi kollha li ghandha quddiemha dwar sejbin ta' htija o meno fil-konfront tal-imputati.

*l-Akkuzi ghal dak li sehh nhar it-30 ta' Dicembru 2019*

*L-Ewwel imputazzjoni – tentattiv ta' feriti gravi*

Illi l-imputati kollha huma akkuzati li minhabba t-tfiegh ta' hadid u flixken tal-hgieg fid-direzzjoni ta' Michelle Muscat u familjari ohra taw dan b'atti esterni sabiex jikkagunaw griehi gravi fil-konfront taghhom. Illi dan ir-reat huwa ta' tentattiv u cioè l-applikazzjoni tal-artikolu 41(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta għal dak li jirrigwarda fl-artikolu 218 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fl-akkuza ma giex specifikat ghal liema tip ta' griehi hemm referenza skont ma hemm fl-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi qabel xejn li ħareġ mill-fatti tal-każ, irid jiġi pruvat li l-imputati kellhom l-intenzjoni speċifika li jikkaġunaw waħda minn dawk il-feriti li hemm imsemmija fl-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi għalhekk il-prosekuzzjoni trid tressaq dik il-prova li kien hemm l-intenzjoni speċifika li jwassal lil din il-Qorti li tista twassal ghal sejbien ta' ħtija.

[1] **661.** Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra

Rigward l-akkuza dwar it-tentattiv tal-offiza gravi fuq il-persuna jinghad qabel xejn illi sabiex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara.

> *"Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).*

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistghax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dan jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid:

> *"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." (Notes on Criminal Law),*

Izda imbaghad izid:

> *"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."*

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

> *"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) Jghid f'pagna 79:*
>
> *"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesion gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale*

*tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto – il canone probatorio in dubio pro reo."*

U ikkonkludiet:

*"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok."*

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-fattispecje ta' dana l-kaz bil-ghan li jigi stabbilit jekk f'dana il-kaz tistax tirrizulta htija dwar it-tentattiv ta' griehi gravi. Illi kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravíssima l-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma. Issa kif diga inghad l-unika prova li hemm fl-atti li titfa' dawl fuq id-dinamika ta' dan l-incident hija dak li qalet l-istess Michelle Muscat.

Illi minn dak li qalet l-istess Michelle Muscat ghal dak li jirrigwarda l-incident li sehh gewwa Marsascala, qalet biss li rat oggetti jigu mitfugha fid-direzzjoni tar-residenza taghha u kien hemm ukoll xi affarijiet mitfugha li dahlu gewwa. Illi huwa fatt mhux kontestat li kien hemm hsarat li sehhew fil-propjetajiet izda l-prosekuzzjoni ma resqet eba prova li l-imputati urew l-intenzjoni li jikkagunaw feriti gravi fuq il-persuna ta' Michelle Muscat u l-familjari taghha. Huwa minnu li gew mitfugha oggetti mal-propjeta taghha izda ma kienx hemm prova li pruvaw jikkagunaw xi feriti gravi ghal dik l-akkuza kif dedotta fil-konfront tal-imputati u ghalhekk ma tistax issib htija.

*It-tieni imputazzjoni - Hsara volontarja*

Illi din l-akkuza taghmel referenza ghal hsara volontarja fuq haga mobbli jew immobli li tappartjeni lil Christian Muscat. Illi ghalkemm mill-fatti tal-kaz hareg li xi whud mill-imputati ammettew li ghamlu hsara fuq il-vettura ta' Christian Muscat, dan tal-ahhar ghazel li ma jixhidx ghax kien jista' jikkrimina lilhu nnisfu. Illi l-akkuza kif qeghdin jigu akkuzati biha l-imputati ma taghmel ebda referenza ghal liema oggett mobbli jew immobbli li kien jappartjeni lil Christian Muscat. Illi fl-istess stqarrijiet xi imputati ammettew li kisru vettura ta' Christian Muscat u dan il-fatt gie wkoll msemmi mill-istess Michelle Muscat. Illi pero' ma giex indikat ghal liema vettura li garbet hsarat tant li anki meta l-istess Michelle Muscat esebiet diversi ritratti ma qalet xejn dwar liema vettura ta' Christian Muscat li garbet dawk il-hsarat. Illi lanqas jista' jinghad li ngieb xi xhud sabiex jindika l-hsarat li kellha din il-vettura u ghalhekk almenu jigi kkonfermat li l-hsarat li sehhew kienet fit-tali propjeta' ta' Christian Muscat. Illi però kemm minn dak li qalet Michelle Muscat kif ukoll mill-istess stqarrija tal-imputati li johrog bic-car li kien hemm tkissir ta' vettura li tappartjeni lil Christian Muscat. Illi ghalhekk din il-Qorti qeghda ssib htija fil-konfront biss ta' Burton Azzopardi, Ryan Azzopardi, Sven Azzopardi u Marlon Baldacchino però dan ai fini tal-hsara biss u mhux al

kwantu tad-danni subiti ghal raġuni li ma nġiebet ebda prova tal-hsara bhala valur. Illi fil-konfront ta' Keith Azzopardi mhux qeghda ssib htija.

*It-tielet imputazzjoni - Feriti Hfief*

Illi irrizulta mix-xhieda tal-istess Dr Jonathan Debattista irrizulta li Michelle Muscat kellha xi tbengil li ikklasifikahom bhala hfief. Illi mix-xhieda tal-istess Michelle Muscat hareg li hija ma semmiet xejn fix-xhieda taghha li hija spiccat b'xi tbengil fuqha minhabba xi incident partikolari u ghalhekk ma tistax issib htija fuq din l-akkuza.

*Ir-raba imputazzjoni*

Illi mill-akkuzi li hemm fil-konfront tal-imputati ghal dak li sehh fit-30 ta' Dicembru 2019, hareg mix-xhieda tal-istess Michelle Muscat u anki minn dak li qalu uhud mill-imputati li huma marru fuq il-post gewwa Marsaskala. Illi l-istess Michelle Muscat rat lil hames imputati quddiem ir-residenza taghha fejn qalet li rat lil wiehed minnhom li hija ma semmietx min (a fol 91) li kellu kanna f'idejh, rat lil Marlon b'kaxxa vjola jitfa l-flixken tal-hgieg fid-direzzjoni tar-residenza taghha. F'xi hin rat kanen dehlien gewwa d-dar taghha. Hija kellha taghlaq il-bieb ghax Keith Azzopardi faqala l-bieb. Waqt li rat lil Ryan Azzopardi u lil Burton Azzopardi jkisru l-karozza tat-tifel.

Illi minn dak li jghid l-artikolu 63 tal-Kap 9 tal-Ligijiet maghdud ukoll mal-artikolu 64 tal-istess Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm il-flixken u l-hadid li kellhom f'idejhom l-imputati jitqiesu li huma armi irregolari. Illi bla dubju ta' xejn, l-imputati marru fuq il-post sabiex jivvendikaw ruhhom ghal dak li kien gara qabel. Dan jidher b'mod car ukoll mill-istess stqarrija taghhom speċjalment ta' Ryan Azzopardi li tefa' oġġetti fid-direzzjoni tad-dar, Marlon Baldacchino li kien tefa l-flixken, kif ukoll ta' Sven Azzopardi. Illi kemm minn dak li qalet l-istess *parte civile* kif ukoll kemm l-imputati fl-istqarrija taghhom ma ssibx triq ohra li sib hatja l-imputati kollha ta' din l-akkuza.

*Il-Hames u s-Seba' imputazzjoni*

Iz-żewġ imputazzjonijiet numru 5 u 7 li hemm kontra l-imputati huma ta' natura kontravvenzjonali. Illi l-akkuza numru 5 u cioe' ghal dak li hemm mahsub fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad minnufih illi l-element tat-theddid maħsub fl-Artikolu 339 (1)(e) tal-Kodici Kriminali hekk kif intqal fil-kawza il-Pulizija vs Joseph Frendo deciza mill-Qorti tal-Appel Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imhallef Vincent Degaetano nhar is-7 ta' Lulju 1995: –

> *"tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band'ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta` l-istess agent."*

Illi mix-xhieda li tat l-istess Michelle Muscat ma semmiet ebda kliem partikolari li xi wiehed jew inkella kollha kemm huma l-imputati uza kliem ta' theddid jew inġurji fil-konfront taghha jew ghal xi membru tal-familja u ghalhekk ma ssibx htija.

Waqt li l-akkuza numru 7 ghal dak li hemm fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna kull min:-

> "*iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.*"

Dwar din l-imputazzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Pace** deciza fid-9 ta' Mejju 1997:

> *"L-ewwel Qorti rravvizat fl-ghemil ta' l-appellant il-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Biex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': '… attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …' (enfasi mizjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiziku multo magis wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi."*

Illi f'dan il-kaz l-imputati gew hdejn ir-residenza taghha gewwa Wied il-Ghajn wiehed minnhom li Michelle Muscat identifikat li kien Marlon li kellu kaxxa vjola u wara beda jitfa' l-flixken. Ftit wara rat kanen gejjin fid-direzzjoni

taghhom u bdew jidhlu gewwa d-dar taghha. Waqt li t-tifel taghha beda juża fire extinguisher kontra l-imputati hija ghalqet il-bieb iżda kompliet tghid li Keith faqalha l-bieb meta tela' l-ahhar targa. Waqt li hija rat lil Ryan ikisser il-karozza tat-tifel taghha. Illi mix-xhieda taghha ma qalet xejn fil-konfront ta' Sven x'beda jaghmel dak il-hin. Illi minn dawn il-fatti jidher bic-car li l-imputati ghalkemm kien hemm tfiegh ta' oġġetti ma kien hemm hadd minnhom li hebb ghal Michelle Muscat jew ghal xi membru tal-familja taghha. Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn din il-Qorti mhux qeghda ssib htija fil-konfront tal-imputati kollha.

*L-imputazzjoni numru 6*

Illi l-imputati huma wkoll akkużati b'dak li hemm fl-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn taghmel referenza ghal fatt li l-imputati kissru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi. Illi mill-provi mressqa u cioe' dak li qalet Michelle Muscat fil-konfront tal-imputati kien li hija rat lil Marlon b'kaxxa vjola jitfa l-flixken lejn il-bieb u dahlu gewwa. Dak il-hin kien hemm it-tifel taghha barra. F'mument minnhom anki kanen rat dehlin gewwa. Skont hi Keith ratu tiela t-tarag u faqala l-bieb fejn infetah u nghalaq. Filwaqt li rat lil Burton u lil Ryan jaghtu b'kanna fuq il-karozza tat-tifel taghha. Waqt li hija ma ratx x'kien qieghed jaghmel Zven. Illi ghandu jinghad li mill-istess stqarrija tal-imputat ilkoll semmew fatti li jaqblu ma' dak li qalet l-istess Michelle Muscat ghajr Keith Azzopardi. Illi f'dan il-kaz Keith Azzopardi nnega li huwa faqa' l-bieb. Illi fil-fatt l-istess Michelle Muscat qalet li rat diversi flixken gejjin fid-direzzjoni taghha meta l-bieb kien miftugh dak il-hin. Ghalhekk din il-Qorti qeghda ssib htija lill-imputati ghal din l-akkuza.

*L-imputazzjonijiet numru 12, 13 u 14*

Illi l-imputati huma wkoll akkużati taht dak li hemm fl-artikoli 251A u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz sejra ssir referenza ghal ġurisprudenza fuq dawn ir-reati fejn sejra ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il- Pulizija vs Joseph Bajada** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [02.05.2013]

> *"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a*

*course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l- Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*

*"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing distress") lill-persuna.*

*Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli."*

Anki dan il-punt tal-ahhar fil-kawza deciza fil-Qorti fl-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**" deciza fil-21 ta' Gunju tas-sena 2007 fejn intqal hekk:-

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Illi jidher bic-car minn dak li qalet Michelle Muscat fil-konfront tal-imputati li qabel l-incident li sehh fit-30 ta' Dicembru 2019 kien hemm incident iehor li

sehh fis-27 ta' Dicembru 2019. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara x'gara fil-kaz tas-27 ta' Dicembru 2019 sabiex jigi stabilit il-fatti tal-*course of conduct.* Illi fis-27 ta' Dicembru hija kienet irceviet messagg minn ghand Zven Azzopardi fejn kienet cemplitlu fuq talba tieghu. Dan beda jhedded li kien se juza vjolenza fuq it-tifel taghha. Illi gara li l-imputati kollha gew wara l-bieb taghha u qalet li Burton kellu lasta f'idejh li hareg biha minn gewwa l-vettura. Keith min-naha tieghu beda jzomm lil Burton u Marlon saq il-karozza hdejn id-dar fejn kienet Michelle Muscat u beda jghafas il-gas. Dan kien l-incident kollu li sehh fejn hija ma qalet xejn li kien hemm xi kliem partikolari ta' theddid li ntqal f'dawk ic-cirkostanzi biss kien li gew mhedda ghax riedu bilfors isawtu lit-tifel. Illi jidher b'mod car li l-istess Michelle Muscat ma qalitx li kellha xi biza' minnhom tant li qaltilhom jekk kienx lest jaghtiha xi daqqa bil-lembuba u ma kienet se thalli lil hadd min isawwat it-tfal.

Illi ghalhekk irid jigi stabbilit li kien hemm *distress* fis-sitwazzjoni li Michelle Muscat kienet tinstab fiha u ghalhekk irid jigi stabbilit element necessarju ghal sejbien ta' htija fejn jirrigwarda kazijiet li jaqghu taht dawn l-akkuzi. Illi dan l-element li huwa necessarju huwa dak li hu msejjah bl-Ingliz '*a course of conduct'*. Illi fil-Ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ta' x'inhu '*a course of conduct'* u cioe' fl-artikoli 251A u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Qrati taghna dejjem imxew skont il-kaz li jkollhom quddiemhom sabiex jigi stabbilit jekk hemmx a *course of conduct* jew le. Dak li jrid jigi deciz huwa jekk dak li gara fis-27 ta' Dicembru 2019 jammontax ghal *course of conduct.*

Illi minn dak li qalet fix-xhieda taghha l-istess Michelle Muscat huwa car li kien hemm dak il-course of conduct' fl-imgieba ta' uhud mill-imputati specjalment minn Burton Azzopardi u Marlon Baldacchino izda mhux fil-konfront tal-ohrajn. Illi pero ghandu jinghad li jirrizulta li f'din l-okkazzjoni tas-27 ta' Dicembru 2019 kien hemm il-biza li sejra tintuza xi forma ta' vjolenza fil-konfront ta' Michelle Muscat u l-familja taghha specjalment fil-konfront tat-tifel taghha. Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi.

Illi ghalhekk din il-Qorti tara li dawn iz-zewg akkuzi ma gewx ippruvati f'dak li hemm kontemplat fl-artikolu 251A u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ladarba l-Qorti ma sabitx htija fuq l-akkuzai li sehhew fis-27 ta' Dicembru 2019.

*L-imputazjoni taht l-Art 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta*

Illi mill-provi li gew mressqa quddiem din il-Qorti ma kien hemm xejn li jindika li xi hadd mill-imputati ghamel uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni eletronika sabiex jhedded lil Michelle Muscat. Ghalkemm hija qalet li cempel Zven Azzopardi fuq il-mobile taghha, prova ta' dan ma tresqitx jew inkella xi service provider li indika li saru xi telefonati jew intbghatu messaggi minn xi had lejn in-numru ta' Michelle Muscat. Illi ghalhekk din l-akkuza ma gietx ippruvata fil-konfront tal-imputati.

*Akkuzi li sehhew nhar is-27 ta' Dicembru 2019*

Illi dawn l-akkuzi huma ghal kollox simili ghal dak li sehh nhar it-30 ta' Dicembru 2019. Illi jibda biex jinghad li wara li din il-Qorti rat ix-xhieda mghotija mill-istess Michelle Muscat fil-konfront ta' Keith Azzopardi, hareg li huwa beda jaghmel minn kollox biex izomm lill-hutu milli jkompli jinqala l-inkwiet. Illi fil-fatt hareg li huwa ma kienx involut f'ebda incident partikolari u ghalhekk din il-Qorti mhux qeghda ssib htija fil-konfront tieghu fuq l-akkuzi numru 8 sa 11.

Waqt li fil-konfront tal-imputati l-ohra, il-Qorti se tibbaza l-htija taghhom o meno kemm minn dak li qalu fl-istqarrija taghhom kif ukoll minn dak li qalet l-istess Michelle Muscat.

*L-akkuza numru 8 - Reati kontra l-paci pubbliku*

Illi l-istess Michelle Muscat qalet li fis-27 ta' Dicembru 2019, kienet irceviet messagg minghand Zven Azzopardi fejn beda jinghad diskors ta' theddid fil-konfront tat-tifel taghha. Meta kienet fit-triq gewwa San Pawl f'Bormla rat lill-imputati Zven, Burton, Keith u Marlon. Rat li wiehed minnhom kellu lasta f'idejh fejn hija ddeskrivieta bhala qiesha lembuba u din kienet f'idejn Burton. Kull ma qalet li kienu qeghdin jigu mhedda u bilfors li riedu isawtu lit-tifel taghha fejn hi bdiet tkellem lil Burton biss. Marlon minn naha tieghu tela fil-karozza u beda jaghfas il-gas tal-karozza meta kien qudiem ir-residenza taghha. Illi fil-konfront ta' Zven ma qalet xejn u kif inghad fuq Keith huwa ma kellu x'jaqsam xejn.

Illi minn dak li jghid l-artikolu 63 tal-Kap 9 tal-Ligijiet maghdud ukoll mal-artikolu 64 tal-istess Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-lasta li qiesha lembuba titqies bhala arma irregolari. Illi bla dubju ta' xejn, l-erba' mill-imputati marru fuq il-post u fejn gie ikkonfermat li Keith Azzopardi ma ghamel xejn. Illi pero' minn dak li qalet l-istess Michelle Muscat lanqas ma jista' jinghad li Zven Azzopardi ghamel xi haga. Illi hareg ukoll li kienet persuna wahda biss li kellha arma irregolari fuqha u cioe' lasta li kienet qiesha lembuba u ma

semmiet lil hadd li setghu kellhom xi haga f'idejhom. Illi l-artikolu tal-Ligi u cioe' l-artikolu 63 jaghmel referenza ghal fatt li jridu jkunu tnejn jew aktar ikollhom arma iiregolari. Illi f'dan il-kaz l-unika zewg imputati li b'xi mod setghu wetqu xi haga kienu biss tnejn ladarba ma qalet xejn fuq Zven Azzopardi kif ukoll fuq Keith Azzopardi. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija fuq din l-akkuza.

*L-akkuzi numru 9, 10 u 11*

Illi l-akkuzi numru 9 sa 11 li hemm kontra l-imputati kif diga inghad li huma ta' natura kontravenzjonali. Illi l-akkuza numru 9 u cioe' ghal dak li hemm mahsub fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mix-xhieda li tat Michelle Muscat ma semmiet ebda kliem partikolari li xi wiehed jew inkella kollha kemm huma l-imputati uzaw kliem ta' theddid jew inġurji fil-konfront taghha jew ghal xi membru tal-familja. Hija qalet li bdew jheddu u bilfors iridu jwegghu lit-tifel. Illi pero ma semmiet xejn ta' sustanza fil-kliem li ntqal u min seta qal x'hiex. Illi ma ndikat lil hadd partikolari li din il-Qorti tista' tasal ghal konkluzzjoni ghal sejbien ta' htija.

Waqt li l-akkuza numru 11 ghal dak li hemm fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna kull min:-

> "*iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.*"

Il-Qorti wara li fliet dak li qalet l-istess Michelle Muscat, ma rat xejn x'tip ta' insulti li ntqal fil-konfront taghha u ta' membri tal-familja. Illi f'dan il-kaz ghalkemm semmiet li wiehed mill-imputati kellu lembuba f'idu f'ebda hin ma qalet li aggrediha jew inkella li qal xi kliem iehor. Illi ma ndikat lil hadd mill-ohrajn li ingurja, hlief ghal fatt li Marlon saq il-vettura u gie hdejn id-dar taghha u beda jaghfas il-gas. Illi minn dawn il-fatti l-Qorti ma tistax issib htija.

Illi l-imputati huma wkoll akkużati b'dak li hemm fl-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn taghmel referenza ghal fatt li l-imputati kissru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi. Illi mill-provi mressqa u cioe' dak li qalet Michelle Muscat fil-konfront tal-imputati eskludiet kompletament lil Keith Azzopardu u lanqas ma semmiet xi haga fuq Zven x'ghamel ezatt biex kiser il-paci pubblika bi glied jew b'ghajjat. Illi fil-konfront ta' Burton qalet li kellu lasta qiesha

lembuba u kienet qaltlu jekk kienx sejjer jaghtiha daqqa biha. Illi ma semmiet xejn li kien hemm xi ghajjat u storbju dak il-hin. Huwa minnhu li l-imputati hargu minn gewwa l-vettura taghhom izda hareg mill-istess xhieda li ma kien hemm ebda kommossjoni jew inkella xi glied li b'hekk kisru l-paci pubblika ghal dak li hemm fl-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk mhux qeghda ssib htija.

*L-imputazzjoni numru 15 – ksur tal-Artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

**L-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi Burton Azzopardi u Marlon Baldacchino huma akkużati talli kisru l-kundizzjonijiet tad-digriet tal-libertà proviżorja. Illi l-artikolu 579 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirregola dawn it-tip ta' digriet meta persuna jinghata l-liberta proviżorja, fejn jghid li -

> *579. (1) Jekk l-imputat jew akkuzat jonqos li jidher ghall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, jew jinheba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun mehlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wiehed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew ta' xi persuna ohra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, u,* ***barra minn dan, jigi mahrug mandat ta' arrest kontra tieghu****:*
>
> *Illi din id-disposizzjoni ma ghandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.*

Illi però huwa car li l-prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi dawn il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u ghalhekk f'dan l-istadju din il-Qorti ma tistax tordna li tali somma fil-konfront taz-zewg imputati tghaddi favur il-Gvern.

*Recidiva*

Illi l-imputati Keith Azzopardi, Ryan Azzopardi u Marlon Baldacchino huma akkużati wkoll li huma recedivi taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-prosekuzzjoni esebieti żewġ sentenzi fil-konfront biss ta' Ryan Azzopardi u Marlon Baldacchino. Illi minn dawn is-sentenzi fil-konfront ta' Marlon Baldacchino li ggieb id-data tal-11 ta' Ottubru 2017 fejn skont din is-

sentenza dok POL1 kien gie kkundannat ghal perijodu ta' tlett xhur priġunerija sospiżi ghal tmintax-il xahar. Waqt li f'wahda minnhom mhux car x'kienet il-piena mghotija waqt li f'sentenza ohra kien inghata multa. Waqt li f'dok POL2 fil-konfront ta' Ryan Azzopardi kien inghata sentenza sospiża.

Illi fil-konfront ta' Keith Azzopardi ma gie esebieti ebda sentenza kontra tieghu ghalhekk ma tistax issib htija.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Abela Paul moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna fejn insibu s-segwenti dictum:

> *L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*
>
> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` … l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`.*
>
> *Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati …."*

U fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Zahra moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

> *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna*

> *kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi f'din il-kawza gew esebiti kopji legali ta' diversi sentenzi fejn gew ikkundannati ghal hlas ta' multa u sentenzi sospizi. Illi f'dan il-kaz skont ma' hemm fis-sentenzi esebiti jidher b'mod car li qieghdin jaghmlu referenza ghall-istess persuni li qieghdin jigu akkuzati f'dawn il-proceduri. Illi ghalhekk imiss jekk f'dan il-kaz is-sejbien ta' htija fil-konfront ta' Marlon Baldacchino u Ryan Azzopardi jekk tistax tigi applikata r-recidiva. L-artikolu 49 jghid espressament li:

> *(1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat,* ***tagħmel reat ieħor****.*

Illi f'dan il-kaz l-imputat Marlon Baldacchino instab hati li kkaguna hsara volontarja fuq il-vettura ta' Christian Muscat. Is-sentenza esebita turi li l-imputat kien gie misjub hati fil-11 t'Ottubru 2017 u nghata sentenza sospiza. Illi ghalhekk fuq dal li jghid l-artikolu 49 jekk persuna tkun giet ikkundannata ghal reat u terga' taghmel reat iehor, tigi misjuba hatja ta' recidiva jekk jigi pruvat. Illi mis-sentenzi esebieti juri bic-car li l-imputat kien gie misjub hati u ghalhekk tali sentenza saru definitivi. Illi fuq dak li jghid l-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minn dak li hemm fis-sentenzi esebieti, din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat Marlon Baldacchino hati talli irrenda ruhhu recidiv ai terminu tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-konfront ta' Ryan Azzopardi ghal finijiet tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien gie ikkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin fl-4 t'Awwissu 2019. Illi f'dan il-kaz ma kienx inghata akkuza li huwa kkometta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza. Illi ghal dak li hemm fl-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lil Ryan Azzopardi li huwa recediv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk jibqa' dak li hemm fl-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-effett tar-recidiva f'delitt. Illi f'dan il-kaz l-arftikolu 50 jghid:

> ***50.*** *Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn*

> *ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Kif inghad hawn fuq, fil-konfront ta' Marlon Baldacchino kien inghata multa u biex xhieda tal-istess Christianne Borg din il-multa kienet thallset. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara dwar dak li hemm fl-artikolu 50 u f'dan il-kaz sabiex japplika dak li hemm f'dan l-artikolu f'kull kaz il-persuna trid tkun skontat il-piena taghha. Dak li hemm fl-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jhallix alternattiva lill-Qorti hlief li taghti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tieghu u cioe' li t-termini preskritti fl-artikolu 50 ghall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx giet mhallsa, jew konvertita fi prigunerija li tigi skontata u ghalhekk trid issir il-prova li tali multa kienet thallset mill-imputat. Illi ghalhekk jekk fil-kaz li ma jirrizultax li l-piena tal-multa tkun giet imhallsa l-awment fil-piena minhabba r-recidiva ma japplikax. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li fil-konfront ta' Marlon Baldacchino l-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta japplika stante li l-hlas tal-multa gie kkonfermat li kienet thallset.

Illi fl-kaz ta' Ryan Azzopardi huwa kien gie misjub hati u kkundannati il-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin. Illi s-sentenza mghotija kienet ftit qabel ma sehh il-kaz in kwistjoni u ghalhekk din is-sentenza kienet ghada operativa. Illi ghandu jinghad li l-imputat ma giex akkuzat li kiser din is-sentenza sospiza. Illi ghalhekk ai fini tal-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din is-sentenza mghotija f'Awwissu 2019 u ghalhekk ma jistax jinghad li din giet skontata ai fini tal-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma tistax issib htija that l-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 41, 63, 65, 66, 216, 217, 221(3), 251A, 251B, 325, 338(dd), 339(1)(d), 339(1)(e), 49, 50, 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta:**

1. **Issib lill-imputat Keith Azzopardi ħati tar-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjoni u ma ssibux ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha, u fil-konfront tiegħu u tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel l-ebda reat ieħor sa żmien erbgħa u għoxrin (24) xahar mil-lum;**

2. **Issib lill-imputat Ryan Azzopardi ħati tat-tieni (2) imputazzjoni iżda tar-reat inqas gravi ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif kompriż u nvolut fir-reat iktar gravi ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjoni u ma ssibux ħati ta l-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah għal perjodu ta' xaharejn priġunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin xahar mil-lum;**

3. **Issib lill-imputat Marlon Baldacchino ħati tat-tieni (2) imputazzjoni iżda tar-reat inqas gravi ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif kompriż u nvolut fir-reat iktar gravi ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjoni u ma ssibux ħati ta l-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah għal perjodu ta' xaharejn priġunerija effettivi li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ħati għamel bħala arrest preventiv;**

4. **Issib lill-imputat Burton Azzopardi ħati tat-tieni (2) imputazzjoni iżda tar-reat inqas gravi ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif kompriż u nvolut fir-reat iktar gravi ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjoni u ma ssibux ħati ta l-imputazzjonijiet l-oħra kollha u fil-konfront tiegħu tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel l-ebda reat ieħor sa żmien tlett (3) snin mil-lum;**

5. **Issib lill-imputat Zven Azzopardi ħati tat-tieni (2) imputazzjoni iżda tar-reat inqas gravi ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif kompriż u nvolut fir-reat iktar gravi ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjoni u ma ssibux ħati ta l-imputazzjonijiet l-oħra kollha u fil-konfront tiegħu tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel l-ebda reat ieħor sa tlett (3) snin mil-lum;**

**Inoltre l-Qorti bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tqiegħed lill-ħatja kollha Keith Azzopardi, Ryan**

**Azzopardi, Marlon Baldacchino, Burton Azzopardi u Zven Azzopardi taħt ordni ta' trażżin fil-konfront ta' Michelle Muscat ID 8878M għall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum skond id-digriet anness ma' din is-sentenza.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**

**Deputat Reġistratur**